MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**VINCENT GALEA**

Seduta tat-3 ta' April, 2012

Talba Numru. 204/2011

**Ballut Blocks Services Limited [C-8360]**

**vs**

**Michael Delia [ID. 448071M]**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta attrici talbet il-hlas tas-somma ta’ hames mija tmienja u disghin euro u wiehed u tletin centezmi ta’ euro (€598.31) rapprezentanti bilanc ta’ prezz ta’ materjal tal-bini mibjugh u kkonsenjat mis-socjeta attrici lill-konvenut. Is-socjeta attrici talbet ukoll li l-imghax legali jibda jiddekorri mis-7 ta’ Dicembru, 2009 (l-ahhar pagament akkont li sar mill-konvenut) sad-data tal-effettiv pagament kontra l-konvenut li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-avviz tas-smiegh u bit-Talba

odjerna wara li giet segwita l-procedura tal-affissjoni u pubblikazzjoni skond il-ligi, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal wara tali notifika u cioe nhar l-14 ta' Marzu, 2012, nhar it-30 ta' Marzu, 2012 u tal-lum stess.

Ra l-kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta attrici fis-seduta mizmuma quddiemu nhar it-30 ta' Marzu, 2012 u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher illum sabiex jirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta' hames mija tmienja u disghin euro u wiehed u tletin centezmi ta' euro (€598.31) bl-imghaxijiet kif mitluba.

L-ispejjez huma ghak-karigu tal-konvenut fl-intier taghhom.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------